10 ta' April, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Elena Inguanez** *versus* Avukat Dr. Carmelo Agius et. ne.

## Simulazzjoni — Donazzjoni — Mara — Nullità — Armla — Art. 1838 tal-Kodiċi Ċivili

*In linea ta' simulazzjoni relativa, fejn apparentement isir negozju, imma realment ikun intiż u jsir ieħor, il-prinċipju huwa li għandu jseħħ dak li l-partijiet riedu, u mhux dak li jidher li għamlu; imma, naturalment, sabiex in-negozju ġuridiku moħbi, indipendentement mill-falza apparenza tiegħu, jista' jingħad li jkun jeżisti, huwa meħtieġ li jkun jew ikollu l-kondizzjonijiet essenzjali sabiex iseħħ dak il-kuntratt. Fi kliem ieħor, jeħtieġ li jiġi pruvat li l-kontraenti jkunu fil-fatt riedu n-negozju ċelat, li huma kienu kapaċi li jippprestaw il-kunsens tagħhom, u li kien hemm kawża leċita li għaliha setgħu jobligaw ruħhom.*

*Għaldaqstant, jekk kuntratt ta' bejgħ ikun jimmaskera donazzjoni, u din id-donazzjoni tkun saret minn mara armla, dik id-donazzjoni hija nulla jekk il-mara donanti tkun għamlet dak il-kuntratt mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti.*

*Mara armla f'din il-materja, hija kunsidrata bħala mara mhix miżżewġa.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, peress li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri tat-2 ta' Mejju 1952 (dok. A) l-attriċi dehret li biegħet lill-konvenut Paolo Inguanez, binha, li deher li xtara minn għandha, in-nofs indiviż ta' sehemha (li huwa ta' nofs indiviż) mill-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejnha u bejn żewġha Salvatore Inguanez, li miet fis-7 ta' Ottubru 1944, u li kienet tikkomprendi, oltre truck Ford numru 4037, motor car Ford numru 5287 u l-mobilja tad-dar, il-fond numru 122, 123 u 124 (il-lum 92, 93 u 94) Trieq il-Vittorja, Qormi, libera u franka, għalqa retroposta għall-istess fond konsistenti f'żewġt iħbula attigwi tal-kejl ta' ċirka erbgħa sigħan u nofs kull ħabel, wieħed liberu u frank u l-ieħor suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' £3, u erbgħa garages attigwi mingħajr numru, li jinsabu fil-bitħa tal-fond fuq imsemmi, u tidħol għalihom mil-bieb numru 92, liberi u franki, kif ukoll il-kwota ereditarja ta' non indiviż (1/9) provenjenti mis-suċċessjoni tal-imsemmi Salvatore Inguanez, u li l-attriċi kienet qabel xtrat minn għand binha Antonio, li kienet tikkomprendi l-immobili u mobili deskritti in kwantu dawn kienu jiffurmaw parti mill-imsemmija komunioni tal-akkwisti, b'mod li l-konvenut deher li kien qiegħed jakkwista 11/36 indiviżi tal-mobili u immobili fuq deskritti, bil-prezz komplessiv ta' £1000, kif kollox spjegat fil-kuntratt hawn eżibit;

U peress illi b'kuntratt ieħor fl-attijiet tal-istess nutar tat-8 ta' Marzu 1953 (dok B.) l-attriċi dehret li reġgħet biegħet lill-konvenut, binha, li deher li reġa xtara u akkwista minn għandha, il-kwota rimanenti ta' sehemha, ammontanti

għal 9/36 indiviżi, mill-komunjoni tal-akkwisti aktar il-fuq imsemmija, u komprendenti l-mobili u l-immobili fuq elenkati, bil-prezz ta' £800;

U peress, kif jiġi pruvat waqt is-smiegħ tal-kawża, il-kuntratti fuq imsemmija ma kienux fil-fatt, u ma kienux maħsuba li jkunu, kuntratti ta' komprovendita, iżda kienu simulati biex jaħbu donazzjoni, tant li l-"prezz' li deher li tħallas lill-attriċi fuq il-kuntratti fil-fatt reġa ġie mreġġa lura lill-konvenut immedjatament wara l-publikazzjoni tal-kuntratti rispettivi;

U peress li dawn id-donazzjonijiet kienu nulli u bla effett legali, għax magħmula mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti kif irid l-art. 1838(e) tal-Kodiċi Ċivili;

Talbet li (1) jiġi dikjarat u deċiż illi l-kuntratti fuq imsemmija, li saru taħt il-parenza ta' komprovendita, kienu simulati u kienu maħsuba biex ikunu u fil-fatt kienu, kuntratti ta' donazzjoni; (2) jiġi dikjarat u deċiż li dawn iż-żewġ *kuntratti in atti Nutar Spiteri, in kwantu huma donazzjonijiet*, kienu, għar-raġunijiet imsemmija, nulli "ab initio", għax magħmula mill-attriċi mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, u li kwindi l-immobili u l-mobili fuq imsemmija, apparentement biss trasferiti lill-konvenut Paolo Inguanez, kienu, baqgħu u għadhom, ta' proprjetà tal-attriċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-provi akkwiżiti għall-kawża jirriżulta li l-konvenut nomine kien ilu jinsisti ħafna mal-attriċi sabiex tagħmillu donazzjoni ta' ħwejjiġha immobili, biex ikun differenzjat minn ħutu, u għal dana l-fini uża mill-axxendent tiegħu fuq l-attriċi, l-għaliex kien jgħix magħha u kien jissupplementa f'xi bżonnijiet żgħar li jkollha. Il-kontendenti, però, riedu

jaħbu din il-liberalità, u għalhekk ftehmu li jagħtuha l-forma ta' komprovendita; imma, peress li l-konvenut ma kellux flus biex iħallas il-prezz tal-immobili, għamlu b'mod li jaqsmu l-operazzjoni f'żewġ kuntratti, u bħala prezz l-attriċi silfitu fl-ewwel kuntratt £500 li kellha mfaddla; huwa inoltre ssellef £300 minn għand waħda minn ħutu u żewġha, u l-kumplament minn għand terza persuna, li ppreżenta bħala prezz fuq l-att; u wara l-publikazzjoni tal-kuntratt irritorna l-flus lil min kien taħ l-opportunità jisserva bihom; l-għaliex ommu, barra mill-£500 li kienet għaddietlu hija stess, irrestitwietlu l-bilanċ. L-istess proċedura ġiet segwita fit-tieni kuntratt, li kien jirrappreżenta somma ta' prezz anqas. Fil-fatt, il-fondi jew stabili trasferiti baqgħu fil-pussess tal-attriċi; kienet hija li baqgħet iddaħħal il-kera tagħhom, u hija li kienet tagħmel ir-riparazzjoni meħtieġa. L-attriċi, li għandha fuq is-60 sena, xehdet dan li fuq intqal, u hija korroborata fl-affermazzjonijiet tagħha minn Giuseppa u Francesco konjuġi Debono u minn Stanislao Inguanez;

Ikkunsidrat;

Illi in linea ta' simulazzjoni relativa, fejn apparentement isir negozju, imma realment ikun intiż u jsir ieħor, il-prinċipju huwa li "plus valere quod agitur quam quod simulate concipitur"; imma, naturalment, sabiex in-negozju ġuridiku moħbi, indipendentement mill-falza apparenza tiegħu, jista' jingħad li jkun jeżisti, huwa meħtieġ li jkun jew ikollu l-kondizzjonijiet essenzjali sabiex iseħħ dak il-kuntratt. Fi kliem ieħor, irid jiġi pruvat li l-kontraenti jkunu fil-fatt riedu n-negozju ċelat, li huma jkunu kapaċi li jipprestaw il-kunsens tagħhom, u li jkun hemm kawża leċita li għaliha jistgħu jobligaw ruħhom;

Fil-każ in kwistjoni, il-vendita ma teżistix, l-għaliex il-partijiet ma riedux fil-fatt kuntratt oneruż, imma kien hemm donazzjoni, l-għaliex l-attriċi kellha l-"animus donandi". Imma biex l-istess attriċi setgħet tagħmel donazzjoni, peress li hija, bħala armla, hija kunsidrata bħala

mara mhix miżżewġa (ara osservazzjonijiet li saru fil-Kunsill tal-Gvern waqt id-diskussjoni tal-Ordinanza VII tal-1868, li in segwitu għalihom sar il-kambjament tal-lokuzzjoni tal-art. 6 tal-Ordinanza tal-1865, barra mill-lokuzzjoni "mara bla raġel" fl-aħħar paragrafu tal-art. 1838), għalkemm tal-età, hija kienet inkapaċi li tagħmel donazzjoni fl-assenza mħabba fil-mewt ta' missierha, mingħajr l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla (ara art. 1838 ittra "e"); liema awtorizzazzjoni ma jirriżultax li kellha;

Illi minn dan jitnissel li, jekk il-vendita kienet palljata u ntiża biex taħbi donazzjoni, din l-aħħar ma setgħet qatt seħħet, l-għaliex kienet nieqsa mir-rekwiżiti mitluba mill-liġi biex isseħħ;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' adeżivament id-domandi attriċi; bl-ispejjeż kollha għall-konvenuti nomine.